IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2014
COM(2014) 578 final

2014/0267 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' sħubija ekonomika (FSE) bejn l-Istati Afrikani tal-Punent, l-ECOWAS, u l-UEMOA fuq naħa u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill annesa tikkostitwixxi l-istrument ġuridiku li jippermetti l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Istati tal-Afrika tal-Punent, il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (CEDEAO) u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent (UEMOA) min-naħa u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra.

Il-FSE mar-reġjun tal-Afrika tal-Punent kollu kien innegozjat skont l-objettivi stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-UE ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, revedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005, u f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (il-Ftehim ta' Cotonou) u d-Direttivi ta' negozjar dwar il-FSE mal-Istati tal-AKP adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Ġunju 2002.

In-negozjati kienu konklużi fil-livell tan-negozjaturi ewlenin fis-6 ta' Frar 2014 fi Brussell. Il-Ftehim kien inizjalat fit-30 ta' Ġunju 2014 f'Ouagadougou, il-Burkina Faso.

Mid-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Ftehim jieħu post iż-żewġ FSE temporanji eżistenti fir-reġjun, jiġfieri l-ftehim interim mal-Côte d'Ivoire inizjalat fis-7 ta' Diċembru 2007, iffirmat fis-26 ta' Novembru 2008 u approvat mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Marzu 2009, u l-Ftehim interim mal-Gana, inizjalat fit-13 ta' Diċembru 2007.

Bħalisa l-Kap Verde jibbenefika minn reġim speċjali ta' inkoraġġiment favur l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba tas-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (SĠP+) u n-Niġerja mis-sistema ġenerali tas-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (SPG). Il-Ftehim se jieħu post dawn is-sistemi mad-dħul fis-seħħ tiegħu. Il-pajjiżi l-oħra tar-reġjun fil-preżent jibbenefikaw mill-inizjattiva "Kollox ħlief Armi " fi-dawl tal-fatt li jikklassifikaw fost il-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDC).

Id-dħul-fis-seħħ tal-Ftehim se jiżgura reġim kummerċjali armonizzat bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjun tal-Afrika tal-Punent, biex b'hekk jappoġġa l-integrazzjoni reġjonali u l-implimentazzjoni tat-Tariffa Esterna Komuni tal-ECOWAS.

2. IN-NATURA U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM

Il-FSE fih dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ fil-Prodotti, il-Faċilità Doganali u Kummerċjali, il-Barrieri Tekniċi għall-Kummerċ, l-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, l-Agrikoltura u s-Sajd.

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet relatati mal-koperazzjoni għall-implimentazzjoni tal-kejl tal-iżvilupp jindikaw l-oqsma tal-azzjoni prijoritarja għall-implimentazzjoni tal-FSE li hu dettaljat fil-Programm tal-FSE għall-Iżvilupp (PAPED), li l-finanzjament għalih jinstab fil-Ftehim. Id-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 u tas-17 ta' Marzu 2014 jikkonfermaw l-impenn tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha li jappoġġaw finanzjarjament l-iżvilupp fl-Afrika tal-Punent.

Il-Ftehim fih impenji fil-qasam tal-integrazzjoni reġjonali, l-Istati tal-Afrika tal-Punent jimpenjaw ruħhom li japplikaw b'mod reċiproku l-ftehim ta' trattament preferenzjali għall-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Ftehim.

Il-Ftehim jipprevedi wkoll li, fil-livell reġjonali, isiru negozjati dwar l-investiment, is-servizzi, il-proprjetà intellettwali u l-innovazzjoni, il-kontijiet kurrenti u ċ-ċaqliq ta' kapital, il-protezzjoni ta' dejta personali, il-kompetizzjoni, il-protezzjoni tal-konsumaturi, l-iżvilupp sostenibbi u l-akkwisti pubbliċi.

Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali jipprevedu l-istabbiliment ta' Kunsill konġunt tal-FSE tal-Afrika tal-Punent - l-Unjoni Ewropea li jkollu r-responsabbiltà superviżorja tal-implimentazzjoni tal-FSE. Dan il-kunsill se jkun magħmul mill-membri tal-Kumitat ministerjali li jsegwi l-FSE tal-Afrika tal-Punent u minn membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni. Huwa se jkun assist minn Kumitat konġunt għat-twettiq tal-FSE. Kumitat parlamentari tal-Afrika tal-Punent u l-Unjoni Ewropea se jservi bħala forum għall-membri tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti reġjonali tal-ECOWAS u tal-UEMOA. Kumitat Konsultattiv Konġunt tal-Afrika tal-Punent u l-Unjoni Ewropea fost l-oħrajn jassisti lill-Kunsill Konġunt tal-FSE bil-għan li jkunu promossi d-djalogu u l-koperazzjoni fost ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u dawk tas-settur privat. Il-FSE jipprevedi li l-impatt tiegħu jkun is-suġġett ta' segwitu dettaljat, kif ukoll ikun eżaminat kull ħames snin.

3. PROĊEDURI

Il-Kummissjoni qieset ir-riżultati tan-negozjati bħala sodisfaċenti u f'konformità mad-direttivi tan-negozjati mill-Kunsill u titlob lill-Kunsill:

– jikkonkludi l-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea.

2014/0267 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' sħubija ekonomika (FSE) bejn l-Istati Afrikani tal-Punent, l-ECOWAS, u l-UEMOA fuq naħa u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207(3) u (4) u 208, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi tal-AKP.

(2) In-Negozjati kienu konklużi u l-ftehim ta' sħubija ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Punent (ir-Repubblika tal-Benin, il-Burkina Faso, ir-Repubblika tal-Kap Verde, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire, ir-Repubblika tal-Gambja, ir-Repubblika tal-Gana, ir-Repubblika tal-Ginea Bissaw, ir-Repubblika tal-Liberja, ir-repubblika Iżlamika tal-Mawritanja, ir-Repubblika tal-Mali, ir-Repubblika tan-Niġer, ir-repubblika Federali tan-Niġerja, ir-Repubblika tas-Senegal, ir-Repubblika tas-Sjerra Leone u r-Repubblika tat-Togo), il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent (UEMOA), fuq naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "FSE") kien inizjalat fit-30 ta' Ġunju 2014.

(3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill [..] ta' [..][2], il-Ftehim ta' sħubija ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Istati tal-Afrika tal-Punent, l-ECOWAS u l-UEMOA, min-naħa l-oħra kien iffirmat fil-[..], suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(4) L-FSE qed jiġi applikat b'mod provviżorju minn [..] sakemm jidħol fis-seħħ.

(5) Il-ftehimiet ta' sħubija ekonomika mal-pajjiżi tal-AKP huma neċessarji għall-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali u tal-koperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea mal-pajjiżi tal-AKP.

(6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

[1] ĠU C [...] ta' [...], p. [...].
[2] ĠU C [...] ta' [...], p. [...].

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' sħubija ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Punent, l-ECOWAS, u l-UEMOA fuq naħa u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, huwa konkluż

It-test tal-Ftehim jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill, f'isem l-Unjoni, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 107(2) tal-Ftehim[3].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

---

[3] Id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim se tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUŻIVAMENT LIMITAT GĦAD-DĦUL

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' sħubija ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Punent, l-ECOWAS, u l-UEMOA fuq naħa u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra.

2. LINJI BAĠITARJI

Kapitolu u Artikolu: il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont imdaħħal fil-baġit għas-sena 2014: EUR 16 185 600 000.

3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

☒ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(f'miljuni ta' euro sal-ewwel punt deċimali)

Linja baġitarja	Dħul[4]	Perjodu ta' 12-il xahar li jibda minn jj/xx/ssss	[Sena n]
Artikolu 120	*L-impatt fuq ir-riżorsi proprji*		4.3

Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
	[n + 1]	[n + 2]	[n + 3]	[n + 4]	[n + 5]
Artikolu 120	4.3	4.3	4.3	4.3	4.3

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Sabiex ir-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea jkunu mħarsa, il-Ftehim fih dispożizzjonijiet maħsuba biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta mill-pajjiż imsieħeb tal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-applikazzjoni tal-konċessjonijiet kummerċjali skont §3 "Impatt Finanzjarju", b'mod partikolari fil-protokoll dwar ir-regoli ta' oriġini (l-Anness A tal-Ftehim) u l-protokoll dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka fl-affarijiet doganali (l-Anness E tal-Ftehim). Dawn id-dispożizzjonijiet jikkomplementaw il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-prodotti kollha importati (b'mod partikolari l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

4 F'dak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, levies fuq iz-zokkor, dazji tad-dwana) jeħtieġ li l-ammonti indikati jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-ispejjeż tal-ġbir.

Ewropea u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha) u d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-kontroll tar-Riżorsi Proprji (b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill 1150/2000).

5. RIMARKI OĦRA

Dan l-estimu huwa bbażat fuq il-volum ta' importazzjonijiet fl-2012. Fil-fatt, bl-eċċezzjoni ta' għadd limitat ħafna ta' prodotti importati mill-pajjiżi li mhumiex fost il-pajjiżi l-anqas żviluppati u li ma ffirmawx il-ftehimiet ta' sħubija ekonomika temporanji, kważi t-totalità tal-importazzjonijiet mill-Afrika tal-Punent diġà jidħlu fl-Unjoni Ewropea eżenti mid-dazju.